## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.4687 — SACYR VALLEHERMOSO/EIFFAGE)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 17/14)

1. Fis-17 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika għal konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża SACYR VALLEHERMOSO ("Sacyr", Spanja) takkwista fis-sens ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill kontroll sħiħ ta' l-impriża Eiffage (Franza) permezz ta' offerta pubblika mħabbra fid-17 ta' Jannar 2007.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— Sacyr: bini u kostruzzjoni ta' toroq, inġinerija ċivili, konċessjonijiet, is-suq tal-propjetà,

— Eiffage: bini u kostruzzjoni ta' toroq, inġinerija ċivili, konċessjonijiet, kuntratti ta' l-elettriku,is-suq tal-propjetà.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (nru tal-fax (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4687 — SACYR VALLEHERMOSO/EIFFAGE, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Brussel

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.